MONS SION IN JERUSAL



**Sura Tad-Duluri
Imsemmija
"L-Omm Tal-Għeġubijiet"
Li Tinsab Fuq L-Artal
Fil-Kappella Tal-Kalvarju
Ġewwa L-Belt
Ta' Ġerusalem.**

Ir-Raba' Sena | LULJU - SETTEMBRU, 1958 | Għadd 3

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

## LEĦEN

# L-ART IMQADDSA

**QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA**

Mitbugħ fl-EMPIRE PRESS, 266, Triq San Pawl, Il-Belt.




# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA

Ir-Raba' Sena | LULJU - SETTEMBRU, 1918 | Għadd 3

## X'FIH DAN IL-GĦADD

Ma għandekx għal fejn tistagħġeb (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... 65

### L-Ewwel Taqsima — DAWL

Kif waslu għandna l-Kotba Mqaddsa (P. Serafin M. Zarb, O.P.) ... ... 66
Iż-Żwieġ f'Ċipru (P. Ubertinu Berti, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 68
Kliem meħud b'ieħor fl-Evanġelju (Ben Jeħuża) ... ... ... ... ... ... 70
Is-Salib Imqaddes (P. Valentin, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... ... 72
Il-Qumran u l-Insara (D. K. Sant) ... ... ... ... ... ... ... ... 75

### It-Tieni Taqsima — IMĦABBA

Is-Sinedriju (P. P. Saydon) ... ... ... ... ... ... ... ... ... 79
It-Tabor u l-Knisja tas-Salvatur (Fra Żarenu, O.F.M.) ... ... ... ... 81
L-Iskola ta' Għajn Karem (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... 84
Santa Marija f'Ġerusalem (Fra Elija) ... ... ... ... ... ... ... 89
Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... 93
Il-Kredu bil-Palestin u bil-Malti ... ... ... ... ... ... ... 95
Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 96

---

Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.

# MA GĦANDEKX GĦAL FEJN TISTAGĦĠEB

*Jekk tħoss ix-xewqa li tkun Nisrani tajjeb, li tgħix ħajtek fuq it-tagħlim ta' Kristu, ħejji ruħek għal kull xorta ta' moħqrija. Jekk trid tkun Nisrani biex in-nies ifaħħruk, bħal ma jagħmlu l-ipokriti, ara kif tagħmel u biddel il-fehma tiegħek. Ara kif tagħmel biex il-foħrija tiksibha minn xi ħaġa oħra. Għax għal min jimxi wara Kristu, foħrija fid-dinja ma tinsabx. Għax din id-dinja hija l-pajjiż tax-xitan. Hija d-dar ta' l-għadu l-kbir ta' Kristu. Hija l-egħmara ta' Wlied id-dlam, li ma jridux magħhom lil ħadd minn Ulied id-dawl, li bid-dawl tiegħu jġiegħel li jidher il-egħmil ħażin tagħhom.*

*Kemm ikun maħqur u mfittex għal mewt ġurdien ġewwa d-dar ta' xi ħadd għani. Kemm jonsbulu nases, kemm ixerrdulu fir-rkejjen qamħ bissemm, kemm isoddulu minn fejn jidħol. Għaliex? Għax il-ġurdien ma jagħmelx għajr ħsara. Inaqqar l-ikel tas-sid, u minn fuq jidħollu fil-kxaxen u jqattagħlu ħwejġu. Hekk tagħmillu inti lix-xitan jekk tagħti ruħek għattemma tax-xogħol ta' Ġesù Kristu. Tgħix f'did-dinja, dar ix-xitan, u minn fuq tagħmillu l-ħsara.*

*Hejji ruħek, mela, biex tkun maħqur, immaqdar, imfisser ħażin, u mgħoddi minn kull xorta ta' tbatija. U ta' dan kollu MA GĦANDEKX GĦAL FEJN TISTAGĦĠEB. Tistagħġeb għal fejn, jekk Ġesù n-nifsu ma' tul ħajtu dana stqarru kemm il-darba?*

*Ix-xitan, malli jxommok li ma tridx timxi miegħu, jagħmel għalik. Iġarrbek b'kull xorta ta' tiġrib: biż-żgħil u bil-moħqrija. Iġarrbek huwa n-nifsu u jġiegħel li jġarrbuk il-qaddejja tiegħu.*

*Imma inti, jekk tħoss ruħek wieħed mill-imsejħin, agħmel il-qalb. Ma għandekx għal fejn tibża'. Istħajjlek li tinsab waħdek, ġewwa dgħajsa, mitluf, fid-dlam, f'taqliba baħar. Żomm tajjeb għajnejk fuq il-Kewkba u idejk fuq it-tmun.*

*Ġesù qal lill-ipokriti ta' żmienu: "Liema wieħed min-nies it-tajba, li nieskom ma ħaqruhx?" U qal lill-Ixirka tiegħu: "Imberkin intom, meta n-nies jaħqrukom, jigdbu fuqkom u jishtu isimkom. Ifirħu u thennew għax il-ħlas tagħkom ikun kbir fis-sema!"*

*Hemm mela, għandu ikun ħsiebek: ħsiebek dejjem fis-sema. Il-ħajja ta' did-dinja qasira. Tħabbelx rasek fuq li jagħmlulek l-ipokriti u l-ħajnin. Dal-waqt jgħaddi kollox. Ħsiebek dejjem f'dak l-Imgħallem, li ħatrek u li ħtart, li f'did-dinja, id-dar tax-xitan, ġarrab wisq aktar minnek. T'iex trid titħallas jekk ma tbatix bix-xogħol?*

*Agħmel il-qalb, mela! Aħfen f'idejk is-sejf u t-tarka u aqbeż fl-arena. Ilqa' u aqla' u agħti! Ħaġa waħda tagħmilx: ara li ma tħaresx lura! Ara li ma titħajjarx taħrab! Hemm biss tkun it-telfa tiegħek. Tittamax rebħa u tibqa' ħaj. għax jekk tibqa' ħaj, għad tista' titlef. Bħala Mgħallmek, ir-rebħa tiegħek tkun fil-mewt. Itqabad max-xitan u tajfietu sa kemm joqtluk. Mut bis-sejf maħfun f'idek. Għax il-mewt fil-ġlieda, biss, u xejn għajrha, hija l-vera vittorja.*

ID-DIREZZJONI.